# POST GESU HU GEWWA QALBI

(1)

L-ghalliema tal-klassi gabret madwarha l-iskulari taghha u qaltilhom li kienet bi hsiebha li torganizza pageant tal-Milied bhala parti mill-attivitajiet matul in-novena tal-Milied. Kollha wrew interess u bdew jiddiskutu l-parti li kull wiehed u wahda minnhom kienu ser jiehdu. Meta l-partijiet kollha tqassmu, Lucija qamet minn postha u staqsiet lil ghalliema: " Miss, jonqos biss tlett partijiet li ghadhom vojta. Il-baqra, il-hmara u Gesu' Bambin. Hadd minna zgura ma ser jiehu l-parti ta' l-annimali ghax ahna bnedmin, u anqas tat-tarbija Gesu' ghax ahna lkoll ghandna ghaxar snin."

L-ghalliema wegbitha: " Lucija, ghal kollox hsibt. Dwar il-baqra u l-hmara, Fonzu l-purtinar weghdni li ser jaqtaghli fuq il-kartun il-forom taghhom u jpittirhomli. Dak jinqala' Mhux l-ewwel darba li pinga xi xenarju ghal xi concert li ghamilna fl-iskola. Issa fuq il-bambin ghandi wiehed id-dar u ingibu hawn, ingezwruh fi ftit hrieqi u nqeghduh fuq ftit tiben fuq maxtura."

"Le le, Miss," qabzet qalet Marija, minn naha l-ohra tal-klassi. "Kif tista' statwa tiehu post Gesu'? Ommi dejjem tghidli li post Gesu' ma johodulu hadd."

Post Gesu' hu fil-qalb taghna u ebda idolu ma ghandu jissostitwih fil-qalb taghna.

(2)

Ben kien ragel sinjur hafna u l-hajja jaf igawdiha. Ix-xalar kienet l-ordni tal-gurnata. Il-mejda tieghu imfawra b'imbejjed u xorb l-aktar fin, flimkien ma' ikel bnin, kien dejjem jaqsamha ma hbiebu. Hu kien joqghod fi Christmas Hill, go villa mdawra b'gonnon kbar. Jum wiehed holom li fuq wiehed mill-hitan tal- kmamar kbar tal-villa jaghmel pittura li s-suggett taghha kellu jkun id-dehra ta' Christmas Hill bil-villa tieghu tispikka fil-bicca xoghol ta' l-arti. Ghal dan l- ghan halla f'idejn wiehed mill-hbieb li kien pittur.

Il-pittur accetta li jaghmel dan bil-kundizzjoni li Ben ma jidholx fil-kamra qabel ma l-pittura tkun lesta. Ghal Ben ma kienitx xi problema ghaliex il-villa kienet kbira bil-bosta. Meta wasal l-jum li Ben jidhol fil-kamra halli jammira l-pittura, ha l-akbar xokk ta' hajtu. Il-pittura kienet maqsuma fi tnejn fuq naha wahda kien hemm mejda ta' l-ikel imzejna bl-ahjar frott, ikel bnin u xorb ta' l-iprem kwalita'; fuq in-naha l-ohra kien hemm ghar kbir vojt.

Ben heba wiccu f'idejh ghax dak il-hin fehem li habibu naqsu bil-kbir. Izda il-pittur tefa' idu fuq spallejn Ben u qallu: " Dak li qed tara hu Christmas Hill. Il-mejda armat b'ikel bnin hija l-qaghda tieghek il-lum; tixxala u tiddeverti bla razan ma' hbiebek. Tahseb li f'qalbek hemm il- paci u l-ferh izda mhux hekk il-kaz.

Tixbah lil dak l-ghar vojt. Biex dak l-ghar mudlam ikun imdawwal hemm bzonn li jitwieled Gesu'.  Hekk f'qalbek terga’ tirrenja l-paci u l-ferh li inti hnoqt bil-pjaciri tad-dinja."